MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 726/2002

**Tlata Limited**

**Vs**

**C T B Limited (C 20201)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn erba' mija u sittin liri Maltin (Lm2460) rappresentanti fornimenti ta' materjal tal-bini.

Bl-ispejjes komprizi dak tal-Mandat ta' Qbid u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-14 ta' Mejju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2460.00,0 bl-imghax legali mit-28 ta’ Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta ‘qbid kawtelatorju msemmi fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------